

V

(Avviżi)

## PROCÉDURI TAL-QORTI

### QORTI TAL-EFTA

**Azzjoni mressqa fit-23 ta' Ottubru 2015 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda**

**(Kawża E-25/15)**

**(2016/C 216/04)**

Fit-23 ta' Ottubru 2015 tressqet azzjoni quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Iżlanda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrapreżentata minn Carsten Zatschler, Markus Schneider u Clémence Perrin, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, 1040 Brussell, il-Belġju.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li billi naqset milli tadotta fit-terminu preskrift il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-ghajjnuna mill-Istat iddikjarata inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea skont l-Artikoli 2, 3, 4 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 404/14/COL tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar Skema ta' Inċentiv għall-Investiment fl-Iżlanda; billi naqset milli tikkanċella, fit-terminu preskrift, kwalunkwe pagament pendentni msemmi fl-Artikolu 7 it-tielet sentenza ta' dik id-Deċiżjoni; u billi naqset milli tipprovdi lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, fit-terminu preskrift, l-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 8 ta' dik id-Deċiżjoni, l-Iżlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 14(3) tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikoli 6, 7 u 8 tad-Deċiżjoni Nru 404/14/COL.

2. Tordna lil-Iżlanda biex tħallas l-ispejjeż.

*L-isfond legali u fattwali u l-eċċeżżjonijiet miġjuba bħala sostenn:*

- L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ssostni li l-Iżlanda naqset milli tikkonforma mal-obbligi tagħha stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Awtorità 404/14/COL tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar Skema ta' Inċentiv għal-Investiment fl-Iżlanda (“Deċiżjoni ta' Rkupru” jew “Deċiżjoni”).
- L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ssostni li fid-Deċiżjoni ta' Rkupru, l-Awtorità sabet, fost l-oħrajn, li f'ħames ftehi-miet ta' investiment li l-Iżlanda kienet ikkonkludiet ma' kumpaniji involviet għajjnuna ġidha mill-Istat li hija inkompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE.
- L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ssostni li l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni ta' Rkupru jobbliga lill-Iżlanda biex tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tirkupra mingħand il-benefiċjarji għajjnuna mill-Istat illegali msemmija fl-Artikoli 2, 3, 4 u 5 tad-Deċiżjoni.
- L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ssostni li t-tielet sentenza tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni ta' Rkupru timponi obbligu fuq l-Iżlanda biex tikkanċella l-pagamenti pendentni kollha tal-ġħajjnuna mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni, jiġifieri mit-8 ta' Ottubru 2014.
- L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkompli ssostni li skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni ta' Rkupru, l-Iżlanda kienet taħt l-obbligu li tipprovdi lill-Awtorità bl-informazzjoni elenkata taħt l-Artikolu msemmi qabel id-9 ta' Diċembru 2014.